# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru 2019**

**Numru 17**
**Rikors numru 71/15 AL**

**Elizabeth Spiteri**

**v.**

**Carmelo Spiteri**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-15 ta' Marzu 2018 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba maghmula mill-konvenut, permezz ta' rikors prezentat fl-10 ta' Ottubru 2017, ghall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti pendenti l-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, b'effett mill-jum li dik is-sentenza tghaddi f' gudikat; spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Is-Sentenza Appellata

2. Peress li fis-sentenza appellata hemm spjegat f' mod car il-kawzali, it-talbiet, l-eccezzjonijiet, u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, dik is-sentenza ser tigi riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-**rikors tal-konvenut Carmelo Spiteri**, ippreżentat nhar l-10 t'Ottubru 2017, illi permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Spiteri.
>
> "Ir-rikorrent jispjega illi ulied il-partijiet huma t-tnejn maġġorenni għalkemm iż-żgħir fost l-ulied għadu jistudja u jaħdem ukoll *part-time*. Illi r-rikorrent iħallas mensilment ħames mitt ewro (€500) manteniment għall-intimata personalment, u tliet mija u ħamsin ewro (€350) bħala manteniment għal ibnu li huwa student. Iħallas ukoll diversi spejjeż relatati mat-tifel fosthom l-ispejjeż kollha mediċi u edukattivi tiegħu u l-ispejjeż kollha għall-attivitajiet extra-kurrikulari tiegħu, minkejja illi m'għandu ebda ordni li jagħmel dan. Xtralu wkoll karozza ġdida, kif ukoll ħallaslu l-ispejjeż tal-liċenzja u l-assikurazzjoni tagħha.
>
> "Iżid illi l-intimata baqgħet tgħix fid-dar matrimonjali li hija villa f'Birguma, filwaqt illi huwa jgħix fi propjeta` oħra appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet li tikkonsisti fi flat ġewwa l-Qawra.
>
> "Isostni illi t-talba tiegħu bl-ebda mod m'hija ser tippreġudika lill-intimata u jirrileva wkoll li kienet l-attriċi nnifisha li fir-rikors ġuramentat tagħha talbet li jkun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.
>
> "Rat ir-**risposta ta' Elizabeth Spiteri**, ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2017, fejn hija opponiet li t-talba tar-rikorrent tintlaqa' u dana peress li hija ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat kemm-il darba il-komunjoni tal-akkwisti, sal-lum viġenti bejniethom, titwaqqaf f'dan l-istadju. Hija targumenta illi l-impjieg tal-konvenut huwa l-uniku sors ta' introjtu għall-partijiet, u li jekk titwaqqaf il-komunjoni, dan il-qligħ mhux ser jidħol iktar fil-komunjoni *"iżda fil-but dirett tar-raġel"*. Hija tissottometti li r-rwol tagħha fil-familja dejjem kien li trabbi u tieħu ħsieb lill-familja u għalhekk hija tal-fehma li flimkien ma' sehemha mill-komunjoni hija għandha tingħata wkoll manteniment xieraq għall-għixien tagħha. Hija tal-fehma

li kull dħul għandu jibqa' jidħol fil-komunjoni sakemm issir il-qasma tagħha.

"Issostni illi jekk isseħħ il-waqfien tal-komunjoni, hija ser tkun preġudikata billi tkun tilfet is-sehem tagħha mill-komunjoni minn issa 'l quddiem u dan fi stadju fejn il-manteniment tagħha huwa wieħed biss provviżorju.

"Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

"Rat illi r-rikors ġie differit għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Il-Qorti għandha quddiemha talba mressqa mill-konvenut Carmelo Spiteri sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"L-intimata topponi għaliex issostni li b'dan il-waqfien hija ser tkun qiegħda tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonali.

"<u>PRINĊIPJI LEGALI: LIĠI U ĠURISPRUDENZA</u>

"Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. Dana jistipula:

> "***(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

"Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jistipula:

> "***(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza.

Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar[1] u wkoll fil-kawża fl-ismijiet Martin Bezzina Wettinger vs. Michella Bezzina Wettinger[2].

"Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

"Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn fis-sentenza Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell[3] intqal *"Fil-fehma tal-Qorti, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le."*

"Din il-Qorti ssegwi wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

"Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[4] il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- *"In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

"APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI FIL-KAŻ ODJERN

[1] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru. 212/2009/2 RGM)
[2] Rikors Ġuramentat 256/14AL
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rikors Numru 139/12 RGM)
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

“In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għaliha, din il-Qorti sejra 1) fl-ewwel lok tikkonsidra jekk ir-risposta ppreżentata mill-intimata tikkonsistiex f’oġġezzjonijiet relevanti ai termini tal-Artikolu 55(4) ġja ċċitat u 2) konsegwentement tikkonsidra jekk l-istess oġġezzjonijiet possibilment jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

“Illi l-argumenti mressqa mill-intimata huma, fil-fehma tal-Qorti, tlieta:

1) “li hija ser titlef nofs l-introjtu ta’ żewġha mid-data tal-pronunċjament tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sad-data tal-assenjazzjoni tagħha;

2) “li hija m’hijiex tlaħħaq mal-ħajja bil-manteniment mgħoddi lilha minn żewġha kemm għaliha personalment u wkoll għal binha student. Illi għalhekk il-konvenut jagħmel diversi ħlasijiet li jmorru oltre dak ordnat bħala manteniment;

3) “li hija ddedikat ħajjitha għat-trobbija ta’ uliedha u tal-familja u m’għandhiex f’din l-eta` tagħha tintbagħat taħdem, meta hija qatt ma ħadmet bi qligħ, lanqas fl-għerusija;

“Il-Qorti tibda billi tirrileva illi t-tielet oġġezzjoni tal-intimata li hija relatata mar-rwol tagħha fiż-żwieġ u l-fatt li hija qatt ma ħadmet bi qligħ barra mid-dar, fil-waqt li jista’ jkollha relevanza kbira f’dak li jirrigwarda l-manteniment dovut għaliha nnifisha, hija għal kollox irrelevanti għall-finijiet tal-artikolu 55(4) ġja ċċitat u għalhekk l-istess oġġezzjoni qiegħda tiġi skartata minn din il-Qorti, ai fini tar-rikors odjern. Il-kwistjoni tal-manteniment tiġi ċertament ri-eżaminata minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha.

“Dwar it-tieni argument imressaq mill-intimata, il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa għal kollox irrelevanti għall-kwistjoni tal-waqfien tal-komunjoni u dana għaliex l-argument iktar jista’ jitqies bħala motiv għall-awment tal-manteniment pagabbli għall-intimata nnifisha, milli bħala raġuni għaliex il-komunjoni tal-akkwisti għandha tibqa’ viġenti bejn il-partijiet. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiskarta wkoll it-tieni argument tal-intimata in vista li huwa għal kollox irrelevanti ai fini tar-rikors odjern, iżda tieħu konjizzjoni tiegħu fi stadju ulterjuri, meta l-Qorti tgħaddi għad-deċiżjoni finali.

“Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel oġġezzjoni tal-intimata hija relevanti ai fini tat-talba odjerna u għaldaqstant sejra tgħaddi sabiex teżamina jekk l-istess oġġezzjoni effettivament tiġġustifikax iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

"Dwar l-ilment ewlieni tal-intimata illi jekk it-talba tar-rikorrent tintlaqa', allura r-rikorrent ser ikun jista' jgawdi waħdu il-frott tal-ħidma tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;[5] Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.

"M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li *prima facie* jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu.

"Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan il-każ jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx.

"Il-Qorti mhi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' fis-seħħ millum 'il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. L-intimata tilmenta li żewġha għandu xi dejn pendenti li jlaħħaq l-elfejn ewro (€2000) u li hija ma kinitx taf bih qabel ma ntavolat dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun benefiċċjali għall-istess intamata, li sejra tevita li terġa' ssib ruħha f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ġja ċċitata, Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[6], it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.

[5] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża Stephanie Attard vs. Kenneth Attard, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017;
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

> "Illi tenut kont ta' dan kollu suespost, hija fehma tal-Qorti illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju m'huwiex ser jarreka preġudizzju mhux proporzjonat lill-intimata; Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.
>
> "Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom".

<u>L-Appell</u>

3. Dan hu bazat fuq sitt aggravji li huma konnessi ma' xulxin u wkoll jidhlu f' xulxin. Dawn jistghu jigu sintitezzati hekk

*L-Ewwel Aggravju*

4. Dan hu fis-sens li l-fatt wahdu tal-waqfien tal-kommunjoni f' dan l-istadju qabel is-sentenza finali ser jikkreja pregudizzju mhux proporzjonat lill-attrici, ghax dan *" tant hu xi haga li fih innifsu pregudizzjevoli, illi l-Ligi trid illi min ihossu ppregudikat bl-oghti ta' sentenza ta' waqfien ikollu d-dritt jappella minghajr il-htiega ta permess mill-Qorti."*

*It-Tieni Aggravju*

5. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat oggezzjonijiet ohra sollevati mill-attrici u li ma gewx trattati fis-sentenza appellata. Tilmenta li:

> "b'zieda mar-ragunijiet indikati mill-Qorti l-esponenti kienet argumentat fir-risposta taghha illi m' ghandhiex tintlaqa' t-talba tal-intimat anke

> peress illi [a] billi l-konvenut jahdem barra minn Malta gja' l-esponenti ghandha diffikkolta' biex tikkontrolla d-dhul tieghu ahseb u ara jekk ikun hemm il-waqfien tal-kommunjoni u [b] illi l-principju regolatur fil-kawzi ta' firda personali huwa li l-partijiet huma socji indaqs fiz-zwieg u li kull dhul ghandu jidhol fil-kommunjoni sabiex meta eventwalment issir il-qasma jinaqsam kollox".

6. Tghid ukoll fir-rigward li: *"[B] hi ma taqbilx mal-mod kif l-oggezzjonijiet taghha gew skartati mill-ewwel Qorti."* Izda ma taghtix spjegazzjoni ulterjuri.

*It-Tielet Aggravju*

7. Fis-sustanza l-attrici tfisser dan l-aggravju hekk:

> "Il-punt kollu huwa illi peress li l-konvenut jahdem il-Libja ma' kumpanija taz-zejt gja' l-esponenti ghandha diffikolta' kbira biex tikkontrolla d-dhul tieghu ahseb u ara jekk ikun hemm il-waqfien tal-kommunjoni fi stadju qabel is-sentenza finali".

8. Tkompli tghid li:

> "skont il-Ligi l-partijiet fiz-zwieg huma socji indaqs u li kull dhul ghandu jidhol fil-kommunjoni sabiex meta eventwalment issir il-qasma jinqasam kollox, dan ukoll ma giex tratta mill-Ewwel Qorti [li] .. invece hadet il-pozizzjoni illi trattat biss il-punt imressaq mill-esponenti dwar il-fatt li bit-terminazzjoni tal-kommunjoni hija kienet ser titlef is-sehem taghha mid-dhul tal-kommujoni mill-waqfien 'il quddiem, izda dan huwa oggezzjoni ohra".

9. Tissottometti ulterjorment li hija m' ghandhiex tort ghall-firda u t-tort kollu hu tal-konvenut u ghalhekk, bic-cahda taghha ta' sehemha minn dak li ser jaqla' il-konvenut wara il-waqfien, hija ser titqies bhallikieku hija ghandha xi tort ghall-firda meta dana mhux il-kaz.

*Ir-Raba' Aggravju*

10. Dan l-aggravju jirreferi ghal dik il-parti fis-sentenza appellata li ikkunsidrat bhala irrelevanti ghall-vertenza in dizamina t-tieni u t-tielet oggezzjoni kif elenkati fl-istess sentenza u li semmai dawn kienu relevanti biss ghall-finijiet tat-talba ghall-manteniment. Hija kompliet tfisser li bejn il-partijiet kien hemm ftehim fis-sens illi r-rwol tal-mara kien li tiehu hsieb id-dar u l-familja, filwaqt li r-ragel johrog jahdem, u hekk sar ghal ghexieren ta' snin matul dan iz-zwieg u hekk ghadu jsir u skond hi hekk ghandu jibqa' jsir sakemm il-Qorti tkun semghet il-provi kollha u tghaddi biex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u tistabbilixxi l-htija ghall-istess. Tenfazizza li m' ghandux ikun hemm decizjoni dwar il-kommunjoni qabel ma jkun hemm pronunzjament tat-tort u decizjoni dwar il-bqija tat-talbiet.

*Il-Hames Aggravju*

11. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab l-oggezzjoni taghha li bl-ordni tal-waqfien il-konvenut ser ikun jista' jkompli jgawdi wahdu l-frott tal-hidma tieghu u hija titlef nofs tali dhul. L-attrici tissenjala li fiz-zwieg il-konjugi huma socji indaqas u hi m' ghandhiex tbati konsegwenza ta' telf meta hi m' ghandhiex tort; *multo magis* fil-kaz tas-sitwazzjoni fejn il-konvenut hareg jahdem u ghadu jahdem filwaqt li hi,

kemm minhabba l-eta’ taghha, in-nuqqas ta’ kompetenza taghha u sahhitha hija impedita milli tidhol fid-dinja tax-xoghol.

12. Inoltre, il-konvenut ma gab ebda raguni ghaliex ghandha tigi terminata il-kommunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali.

*Is-Sitt Aggravju*

13. L-attrici tilmenta li mhuwiex minnu dak osservat fis-sentenza appellata li hi kienet skopriet li kien hemm dejn pendenti li ma kinitx taf bih qabel ma intavolat dawn il-proceduri. Tghid li:

> “L-appellant qatt ma qalet li sabet ruhha rinfaccjata b’ dejn tal-intimat li ma kinitx taf bih qabel, u kwindi, din il-konsiderazzjoni tal-Qorti hija ghal kollox skorretta. Li qalet l-esponenti kien illi fil-mori saret taf b’ kontijiet bankarji f’ isem ir-ragel li ma kinitx taf bihom. Izda dan huwa raguni ghala m’ ghandhiex tigi terminata l-kommunjoni u mhux bil-kontra”.

14. L-attrici abbazi ta’ l-aggravji fuq premessi qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tichad it-talba tal-konvenut kontenuta fir-rikors fuq indikat u tilqa’ l-oggezzjoni tal-appellanti; bl-ispejjez.

15. Fir-risposta tieghu l-konvenut jghaddi biex jissolleva punt procedurali li fil-fehma tieghu ghandh jwassal sabiex l-appell odjern jigi dikjarat irritu u null. Hu jispjega:

"....l-appellanti ma kellhiex jedd ta' appell mis-sentenza appellata billi kienet l-appellanti stess li pproponiet l-ewwel it-talba in kwistjoni, u sal-lum ghadha qed izzommha ferma.

"Fil-hames talba taghha fir-Rikors Guramentat, l-appellanti talbet li l-Qorti xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-esponent. Fir-Risposta Guramentata tieghu, l-esponent qabel li jsir dan, u bir-Rikors tieghu tal-10 ta' Ottubru 2017, l-esponent ipprevalixxa ruhu mid-dritt moghti lil kull konjugi, li jitlob li l-Qorti tiddeciedi dwar din it-talba waqt il-proceduri tas-separazzjoni, minflok mas-sentenza finali.

"L-**art. 228(1)** tal-[Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili] jipprovdi *li 'M'hemmx appell mis-sentenzi moghtija fuq ammissjoni tat-talba*[7] *jew minn sentenzi li l-parti taccetta bir-rinunzja ghall-appell jew billi toqghod ghal dak li tkun qatghat is-sentenza.'*

"Din il-kawza bdietha l-appellanti, u t-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghamlitha hi l-ewwel. Din it-talba l-appellanti ghadha ssostniha sallum. Prattikament l-appellanti bl-appell taghha qeghda tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti qablet u laqghet din it-talba taghha fi zmien aqsar mit-talbiet l-ohra. Kjarament dan ma jaghmilx sens legali u wiehed ma jistax jikkontempla appell tal-attrici minn decizjoni li tilqa' dak li hija stess talbet.

"...................................."

16. Ikompli hekk:

"L-esponent ma jaqbilx mal-argument tal-appellanti li d-decizjoni li biha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti waqt kawza ta' separazzjoni.

"Jekk wiehed ihares lejn l-**art. 55** tal-Kodici Civili, introdott bl-Att XXI tal-1993 li bidel ir-regim tal-ligi tal-familja f'Malta billi ta drittijiet godda lill-mara, jifhem mill-ewwel li l-legislatur ried jaghti dritt, lil kull wiehed mill-konjugi, li jitlob sentenza dwar il-waqfien tal-komunjoni qabel ma l-kawza tas-separazzjoni tigi deciza fuq l-aspetti kollha taghha.

"Dana naturalment il-legislatur ghamlu biex kull parti tkun tista' taqta' linja u tkompli b'hajjitha. Filwaqt li jibqa' mhux mittiefes dak li l-partijiet ikunu ggwadanjaw bil-hidma taghhom fi shubija bejniethom, minn hemm 'il quddiem kull parti tkun tista' tghix hajjitha, b'mohhha mistrieh li tista' tbati u tiehu r-riskji u l-inizjattivi li jidhrilha, minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra jew tal-Qorti, u l-frottijiet jew it-telf taghhom ikunu ghaliha wahedha. Dan il-provvediment kien mehtieg tenut kont taz-zmien li jiehdu kawzi bhal dawn biex jinstemghu u jigu decizi, partikolarment minhabba fil-kontestazzjonijiet li solitament iqumu dwar

[7] Sottolinear tal-konvenut

min ikun jahti ghall-firda, l-affidament tal-minuri, u l-konsistenza tal-assi u d-djun tal-komunjoni.

"Id-dicitura ta' dan id-dritt fl-**art. 55(1)** hija <u>generali ghall-ahhar</u>. Id-diskrezzjoni hija mhollija fil-Qorti, li tista' *'f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda'* taghmel ordni ta' waqfien tal-komunjoni. M'hemmx limitazzjoni dwar ic-cirkostanzi fejn tista' jew ma tistax issir din it-talba. Lanqas hemm kwalifiki tal-proceduri. L-uniku apprezzament li trid taghmel il-Qorti fejn issirilha talba bhal din hija *'jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda'*.

"……………."

Fid-diversi aggravji taghha, l-appellanti tilmenta li l-fatt li [hi] mhux ser tgawdi min-nofs l-akkwisti li jaghmel l-esponent mill-hidma tieghu wara l-waqfien tal-komunjoni huwa *'pregudizzju mhux proporzjonat'* ghaliha li jimmerita li din it-talba tigi michuda.

"Minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tal-improponibilita' tal-appell, huwa car mill-assjem tal-lamenteli tal-appellanti li din tippretendi li tista' taghzel li tghix il-hajja komda – u ma taghmel xejn lanqas biex tmantni lilha nnifsha – u fl-istess hin takkwista l-frott tat-tbatija li qed ibati l-esponent fid-dezert, kif ghamel dejjem tul iz-zwieg biex provda bl-ahjar mod li seta' ghall-appellanti, u ghal uliedhom.

"Ghalkemm irrilevanti ghal din il-kwistjoni, l-esponent jichad li hu b'xi mod zamm lill-appellanti milli ssib impjieg, jew milli tahdem bi qligh barra mid-dar. Ghall-kuntrarju, l-esponent dejjem xtaq li l-piz finanzjarju tal-familja ma jgorrux wahdu, pero' l-appellanti ma ridetx tmur tahdem. Biex izomm il-paci, l-esponent baqa' jmur jahdem fid-dezert, bir-riskji kollha li jaffaccja kull darba li jmur, minhabba li b'hekk biss seta' jilqa' ghall-ispejjez kbar li kellu sakemm rabba u ghallem lil uliedu.

"Dan l-esponent ghadu jaghmlu sal-lum, <u>aktar minn erba' snin wara li l-partijiet ma baqghux jghixu taht l-istess saqaf, u meta l-appellanti ma ghandha assolutament ebda raguni jew xkiel biex issib impjieg u tipprovdi ghaliha nnifisha</u>.

"Kif diga' jirrizulta mill-atti, il-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet f'din il-kawza tikkonsisti f'gid ingenti – immobiljari u likwidu. Djun partikolari l-partijiet m'ghandhomx, u l-uniku dejn li ssemmi l-appellanti huwa irrizorju hdejn il-valur tal-assi komuni.

"Dan ifisser li l-appellanti mhix tistrieh fuq xi bizgha li jista' ghandha li l-gid tal-komunjoni ma jkunx bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghad-djun komuni, u li minhabba f'hekk ghandha interess li l-introjtu futur tar-ragel iservi biex jissodisfa dawk id-djun komuni.

"Bid-dovut rispett, l-esponent ma jifhimx l-allegazzjonijiet tal-appellanti li ma tkunx tista' aktar tkun taf x'qala' l-esponent jekk il-komunjoni tieqaf. Jekk il-komunjoni tieqaf, l-appellanti ma jkollhiex aktar sehem minn dak il-gwadan, u f'kull kaz l-esponent wasal biex jirtira mix-xoghol.

"Kwantu ghall-allegazjoni l-ohra tal-appellanti li m'ghandhiex biex tghix, li tinsab fil-bzonn u l-mizerja, u li qed tbati, dan m'hu minnu xejn. Din il-Qorti tista' tikkonferma dan mill-provi mressqa sa issa dwar il-kwalita' ta' hajja li tghix l-appellanti. Pero' anke kieku dan kien minnu, l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni f'dan l-istadju tal-procediment m'hu ser icahhad l-appellanti mill-ebda drittijiet li ghandha, skond il-ligi, fuq il-gid tal-komunjoni li jkun sar sad-data tax-xoljiment. Dan qed jinghad ghaliex l-esponent jippretendi li l-appellanti tahti wahedha ghall-firda u ghalhekk iddekadiet mill-jedd li tippartecipa fil-gid li akkwista bil-hidma tieghu wahdu.

"Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha ghamlithom din il-Qorti fis-sentenza taghha **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**,[8] fejn l-appellanti ressqet aggravji identici kontra decizjoni identika, u din il-Qorti cahdithom ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq mill-esponent.

"Sfortunatament, l-appellanti ma tistax taccetta li, kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, fir-realta' socjali u guridika tal-lum, *'meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor … M'hemm l-ebda dubju li fil-kaz odjern, il-hajja matrimonjali tal-partijiet spiccat u llum jinsabu jghixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attrici nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proceduri odjerni ghas-separazzjoni personali tal-partijiet'*.[9]

"L-appellanti donnha tippretendi li ghandha jedd tuza dawn il-proceduri, u t-tul ta' zmien li qed jiehdu biex jigu decizi, ghall-vantagg taghha. Din l-ingustizzja hija effettivament dak li l-ligi riedet telimna bid-disposizzjoni in ezami".

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

### *Nullita'*

17. Il-konvenut isostni li l-appell huwa null ghaliex l-attrici ma setghetx legalment tappella minn sentenza li permezz taghha giet milqugha talba

[8] Appell, 30.10.2015
[9] Ara pg. 7-8 tas-sentenza appellata

li kienet ipprononiet hija stess fir-rikors guramentat. Fi kliem iehor, la darba fir-rikors promotur l-attrici qed titlob il-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti, il-konvenut isostni li hija m' ghandhiex il-jedd li toggezzjona ghat-talba ghall-waqfien tal-kommunjoni fil-mori tal-kawza. Hija tibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq dak li jghid l-artikolu 228[1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

18. Din il-Qorti tosserva li dan l-argument tal-konvenut huwa legalment insostenibbli stante li, minkejja li fir-rikors guramentat tkun saret talba ghax-xoljiment tal-kommunjoni, qabel l-emendi introdotti bl-Att XXI tas-sena 1993, tali talba setghet tigi deciza biss wara li l-Qorti tkun semghet il-provi kollha relattivi ghall-aspett patrimonjali tal-kawza, mentri bis-sahha tal-emendi issa l-Qorti, fuq talba appozita, tista' tordna l-waqfien tal-kommunjoni b' sentenza anke fil-mori tal-proceduri. Ghalhekk t-talba ghal waqfien tal-kommunjoni maghmula fir-rikors guramentat m' ghandhiex titqies bhat-talba li l-parti tkun ghamlet abbazi tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili sabiex il-Qorti twaqqf il-kommunjoni *pendente lite*. Dan l-artikolu jaghti jedd specifiku jew appozitu lill-partijiet jew lil parti sabiex jitolbu l-waqfien <u>matul il-proceduri</u> u l-Qorti hekk adita ghandha diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba jew le. Dan jirrizulta mid-dicitura tal-artikolu 55 li testwalment jaqra hekk:

> "55(1) Il-qorti tista' f' kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewwgin, tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti jew tal-kommunjoni tar-residwu that amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin".

19. Izda s-subinciz [4] jikkwalifa dik id-diskrezzjoni bil-mod segwenti:

> "(4) Qabel tordna l-waqfien tal-kommunjoni kif provdut f' dan l-artiolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-kommunjoni qabel is-sentenza tal-firda".

20. Fi kliem iehor, ghalkemm il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tilqa' t-talba ghall-waqfien, il-Qorti ma tistax tordna t-twaqqif tal-kommunjoni jekk xi parti tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat.

21. Ferm il-premess din il-Qorti tikkunsidra li din l-eccezzjoni ma treggix legalment stante li t-talba maghmula ai termini tal-artikolu precitat hija differenti mit-talba ghax-xoljiment maghmula fir-rikors promotur fejn l-element ta' pregudizzju mhux proporzjonat mhuwiex rekwizit sabiex tintlaqa' t-talba.

22. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni mhijiex legalment gustifikata u qed tigi michuda.

*L-Aggravji*

23. Dawn ser jigu tratti flimkien stante li, kif fuq gja' indikat, huma relatati u jduru mal-istess vertenzi. Qabel xejn, ghal dak li huma

kunsiderazzjonijiet legali, il-Qorti taghmel referenza ghal dak diga' premess dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili.

24. Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li, dak sostnut mill-attrici li l-waqfien tal-kommunjoni that l-artikolu 55[1] u allura qabel l-ghoti tas-sentenza finali huwa minnu innfisu pregudizzjevoli ghall-parti tant li hemm dritt awtomatiku ta' appell minghajr il-permess tal-ewwel Qorti, mhuwiex guridikament korrett. Fl-ewwel lok jinghad li l-ewwel Qorti, salv ghal dak li jghid is-subinciz 4, ghandha diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba jew le li jfisser li, jekk dik il-Qorti tara li xi parti ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat, tista' ma tilqax it-talba. Inoltre, id-dritt ta' appell minghajr il-htiega tal-permess tal-ewwel Qorti, ma jimmilitax kontra l-dak li intqal fuq, ghax dan hu dritt li l-legislatur ried jassikura lil kull parti li thossha milquta sfavorevolment minn dik is-sentenza parzjali minkejja li l-proceduri tas-separazzjoni, li f' certu kazijiet jiehdu tul ta' zmien biex jigu konkjuzi, ikunu ghadhom ghaddejjin. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-waqfien tal-kommunjoni "huwa minnu innifsu pregudizzjevoli" b'mod li f'kull kaz m'ghandux jinghata. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.

25. Rigward it-tieni aggravju, din il-Qorti tissenjala li s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien.

Ghalhekk d-diffikulta' li qed tilmenta minnha l-attrici li b' tali ordni jkun aktar difficli ghaliha li tistabbilixxi l-kontenut tal-kommunjoni tal-akkwisti, hija estranea ghall-proceduri in dizamina. L-attrici dejjem ser tibqa' intitolata ghas-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien u dejjem jibqala' d-dritt li tistabbilixxi il-konsistenza ta' dawk l-assi u tissalvagwarda l-interessi taghha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli ghaliha fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.

26. Rigward it-tielet, r-raba u l-hames aggravji, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravju precedenti, tissenjala li taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li tqis bhala mhux valida l-konsiderazzjoni li bl-ordni tal-waqfien l-attrici ser tigi imcahhda mis-sehem taghha mill-introjtu tal-konvenut wara l-ghoti tal-ordni minkejja li, skond hi, t-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lill-konvenut. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke *de facto* s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda *de facto* tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet.

27. Inoltre, ma jirrizultax li l-attrici hija nieqsa mill-affarijiet essenzjali ghall-ghejxien taghha f' liema kaz hija dejjem ghandha dritt titlob rimedju f' forma ta' awment fil-manteniment taghha mill-ewwel Qorti.

28. Ukoll, jirrizulta ammess mill-istess attrici li l-gid kollu li ghandhom il-partijiet sa issa kien gie kollu generat mill-konvenut u ghalhekk mhux il-kaz li bil-waqfien tal-kommunjoni l-attrici ser titlef dak li hi kienet ikkontribwiet ghalih b' xogholha, bhal per ezempju jkun il-kaz fejn parti tkun ikkontribwiet sostanzjalment bil-hidma taghha ghan-negozju tal-parti l-ohra li tkun ser tkompli tarrikkixxi ruhha bil-gestjoni tan-negozju wara li waqfien tal-kommunjoni. Il-kontribut tal-attrici fil-kaz odjern jidher li hu dak li hi kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja, inkluz lill-konvenut, u bl-ordni tal-waqfien ix-xoghol li kienet ghamlet id-dar xorta ghad jista' jinghata valur ekonomiku u jigi kwantifikat mill-Qorti fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati.

29. Rigward is-sitt aggravju, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, tirribadixxi li l-ordni tal-waqfien tirreferi ghall-futur, u ghalhekk il-fatt li matul il-proceduri l-attrici saret taf li l-konvenut kellu kontijiet bankarji li ma kinitx taf bihom qabel, huwa irrelevanti ghall-vertenza in dizamina. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.

30. Ghaldaqstant billi l-Qorti tqis li l-aggravji tal-attrici mhumiex gustifikati, qed tichadhom.

**Decide**

Ghar-ragunijet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez tal-appell ikunu kollha a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb